MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Rikors Numru. 15/2011

**Martin u Phyllis konjugi Degabriele**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal**

Ra r-Rikorsipprezentat minn Martin u Phyllis konjugi Degabriele permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal ihassar, jirrevoka u jikkancella d-decizjoni mehdua mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, illum l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, fis-7 ta' Dicembru 2009, u jordna lill-istess Awtorità tikkoncedilhom l-licenzji ghat-tlett *open top buses* bin-Numri ta' Registrazzjoni POG592Y, TNJ998S u NUD106L;

Ra d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata datata 7 ta' Dicembru 2009 annessa mar-Rikors promotur a fol. 5 u 6 tal-process;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità intimata permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-Rikorrenti konjugi Degabriele u titlob li l-istess tigi michuda, u minflok id-decizjoni taghha tas-7 ta' Dicembru 2009 tigi kkonfermata;

Ra d-dokumenti Dok. “ADT1” u Dok. “ADT2” annessi mar-Risposta ta' l-Awtorità intimata a fol. 20 u 21 tal-process;

Ra d-dokumenti esebiti mir-Rikorenti konjugi Degabriele bin-Nota pprezentata fl-4 ta' Mejju 2011, a fol. 32 sa' 49 tal-process;

Sema' ix-xhieda ta' Dr. Noel Buttigieg Scicluna moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2011[1] u ra d-dokumenti minnu esebiti waqt dik is-seduta a fol. 78 tal-process, sema' ix-xhieda tar-Rikorrent Martin Degabriele moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2011[2] u x-xhieda ta' Vincent Micallef Pulè, *Senior Manager* ma' l-Awtorità intimata, moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2012[3];

Ra s-sentenza fl-ismijiet “Garden of Eden Garage Limited v. Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta u b'Digriet tat-8 ta' Jannar 2010, l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta assumiet l-atti tal-kawza” Citaz. Nru. 474/09 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti fit-29 ta' Settembru 2011, esebita mir-Rikorrenti konjugi Degabriele a fol. 85 sa' 107 tal-process u s-sentenza pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Gunju 2012 a fol. 137 sa' 171 tal-process, ra d-dokumenti esebiti mir-Rikorrenti konjugi Degabriele b'Nota pprezentata fit-30 ta' Novembru 2011 a fol. 111 sa' 114 tal-process u ra l-applikazzjonijiet sottomessi mir-Rikorrenti ma' l-Awtorità intimata w esebiti mill-istess Awtorità waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu 2012;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti konjugi Degabriele a fol. 124 sa' 127 tal-process u ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva ta' l-Awtorità intimata a fol. 128 sa' 134 tal-process;

---

[1] Fol. 79 tal-process.
[2] Fol. 82 u 83 tal-process.
[3] Fol. 116 sa' 118 tal-process.

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'ittra ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta datata 7 ta' Dicembru 2009[4], ir-Rikorrenti gew infurmati li t-talba taghhom ghall-hrug ta' licenzja ghall-garr ta' passiggieri ghal tlett *open top buses* bin-Numri ta' Registrazzjoni POG592Y, TNJ998S u NUD106L kienet qed tigi michuda peress illi *l-buses mikxufa tieghek fuq riferiti ma jikkonformawx mar-regolament 29(1)(a) tar-Regolamenti, b'mod partikolari fir-rigward tar-regolament 28(2)(b) li jikkontempla d-data ta' manifattura tal-vetturi. Ghaldaqstant, il-vetturi tieghek ma jissodisfawx ir-rekwiziti tar-Regolamenti ghall-hrug tal-licenza ghall-garr tal-passiggieri.*

Ir-Rikorrenti hassewhom aggravati bid-decizjoni ta' l-Awtorità u intavolaw appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Trasport, in segwitu trasferit ghal quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitolbu li d-decizjoni ta' l-Awtorità tigi mhassra, revokata w ikkancellata in bazi ghall-aggravju li *jidher car li l-Awtorità hija jew inkonsapevoli jew injorat ghal kollox l-avviz li deher fil-gazzetti fejn importaturi tal-vetturi bil-mutur tat-tip M2 u M3 li ddahhlu Malta jew gew ordnati biex jingiebu Malta qabel id-19 ta' Mejju 2009 gew infurmati li jistghu jigu ezentati mid-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2009 dwar is-Servizzi tat-Trasport ta' Passiggieri, purche li jaghtu l-informazzjoni rikjesta bil-miktub entro terminu previst fl-istess avviz. Illi l-esponenti li mportaw il-vetturi in kwistjoni qabel id-19 ta' Mejju 2009 aderixxew ruhom kompletament ma' dan l-avviz. Illi ghalhekk huwa inspjegabbli kif l-esponenti b'mod partikolari, nonostante dak li jippredisponi dan l-avviz, ma gewx ezenti mir-regolamenti in kwistjoni, kif gew ezentati vetturi ta' importaturi ohra*.

L-Awtorità topponi ghat-talba tar-Rikorrenti konjugi Degabriele u titlob li l-istess tigi michuda u d-decizjoni

[4] Fol. 5 u 6 tal-process.

taghha ikkonfermata in kwantu fl-ewwel lok l-avviz ippubblikat fil-gazzetti u li fuqu r-Rikorrenti jibbazaw l-appell taghhom m'ghandu l-ebda rilevanza fil-kaz in ezami, u billi fi kwalunkwe kaz id-decizjoni taghha tas-7 ta' Dicembru 2009 ma giet bl-ebda mod effettwata b'dak l-istess avviz jew bl-esenzjoni imsemmija fiha u anzi hija gusta u timmerita konferma peress illi t-tlett *open top buses* tar-Rikorrenti gew immanifatturati ferm iktar minn hames snin qabel id-data ta' l-ewwel applikazzjoni ghall-licenzja tal-vettura u dan kontra dak dispost fir-Regolament 28(2)(b) ta' l-Avviz Legali 149 ta' l-2009, bil-konsegwenza li l-vetturi taghhom ma setghux jigu registrati u licenzjati.

Qabel ma jittratta l-meritu ta' l-appell in ezami t-Tribunal jidhirlu li jkun opportun li ssir korrezzjoni fl-okkju ta' dawn il-proceduri u kull fejn mehtieg fl-atti, fis-sens illi l-Awtorità intimata tigi indikata bhala l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u mhux iktar bhala l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Din il-bidla hija necessarja in segwitu ghad-dhul fis-sehh ta' l-Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta, u senjatament fid-dawl ta' dak dispost fl-Artikolu 38(2) ta' l-imsemmi Att.

Mill-atti processwali jirrizulta ferm car li ghalkemm ma saritx dikjarazzjoni formali da parte taghha, l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta kostitwita bl-Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, assumiet l-atti ta' dawn il-proceduri minflok l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Fil-fehma tat-Tribunal huwa necessarju li fl-okkju tal-proceduri u kull fejn necessarju fl-atti, issir id-debita korrezzjoni biex ikunu riflessi l-partijiet kontendenti attwali f'dawn il-proceduri u ghalhekk jehtieg li l-kliem "L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta" fl-okkju tal-kawza u kull fejn jidhru fl-atti processwali jigu ikkancellati u sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta".

Sorvolata din il-kwistjoni t-Tribunal jista' jghaddi biex jittratta l-meritu ta' l-appell in ezami izda, qabel ma jaghmel dan ihoss il-htiega li jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar is-sentenzi esebiti mir-Rikorrenti konjugi Degabriele fil-mori tal-proceduri u cioè is-sentenza

fl-ismijiet "Garden of Eden Garage Limited v. Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta u b'Digriet tat-8 ta' Jannar 2010, l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta assumiet l-atti tal-kawza" Citaz. Nru. 474/09 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti fit-29 ta' Settembru 2011, u s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell pronuncjata fit-28 ta' Gunju 2012, li biha giet ikkonfermata d-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, u s-sottomissjonijiet avvanzati mir-Rikorrenti konjugi Degabriele in bazi ghall-istess.

Kif inghad, fil-mori ta' dawn il-proceduri u wara li ghalqu l-provi taghhom ir-Rikorrenti konjugi Degabriele esebew kopja tas-sentenza fl-ismijiet "Garden of Eden Garage Limited v. Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u b'degriet tat-8 ta' Jannar 2010, l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta assumiet l-atti tal-kawza" Citaz. Nru. 474/09 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Settembru 2011[5] u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Gunju 2012[6], u in bazi ghal dak pronuncjat fl-imsemmija sentenzi jikkontendu li *kif jirrizulta mis-sentenza fuq citata jirrizulta illi l-avviz legali 149 ta' l-2009 gie pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fid-19 ta' Mejju 2009. Ghalhekk dawn ir-regolamenti dahlu fis-sehh ferm wara illi l-esponenti impurtaw il-vetturi in kwistjoni u ferm wara li dawn gew registrati ma' l-ADT. Kwindi bhalma qalet il-Prim' Awla fil-kawza hawn fuq citata l-ADT ma setghatx tipposponi d-decizjoni taghha sakemm imbaghad wara li dahal l-avviz legali 149/2009 tirrifjuta l-applikazzjoni ta' l-esponent a bazi ta' dan l-avviz legali.*
Il-meirtu ta' l-imsemmija proceduri wkoll jittratta dwar talba ghall-hrug ta' licenzi ghall-garr ta' passiggieri ghal numru ta' *open top buses* akkwistati w importati Malta matul l-2008 mis-socjetà Garden of Eden Garage Limited, ghal liema talba dik is-socjetà kienet baqghet bla risposta da parte ta' l-Awtorità sad-data tal-prezentata ta' dawk il-proceduri, ossia t-18 ta' Mejju 2009. In effetti bl-imsemmija proceduri s-socjetà Garden of Eden Garage Limited talbet li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili: *issib l-inerzja murija mill-Awtorità mharrka dwar it-talbiet ta' l-istess kumpannija attrici ghall-hrug ta' licenzi tat-tmien vetturi*

[5] Nota pprezentata fl-1 ta' Novembru 2011, fol. 84 sa' 107 tal-process.
[6] Nota pprezentata fil-5 ta' Lulju 2012, a fol. 137 sa' 171 tal-process.

*taghha tal-ghamla open top double-deckers ghandha titqies bhala rifjut ghal tali talbiet, ghall-finijiet ta’ l-artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta; (b) issib li dak ir-rifjut huwa wiehed null, ma jiswiex u bla effetti fil-ligi, ghall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(a) u/jew (1)(b)(iii) u/jew (1)(b)(iv) tal-Kap.12 imsemmi; (c) tordnalha biex tibda jew tissokta tipprocessa t-talbiet taghha minnufih u tghaddi biex twettaq l-ghamil amministrattiv mitlub mill-kumpannija attrici, fiz-zmien qasir u perentorju li l-Qorti joghgobha tiffissa; (d) issib li l-Awtorità mharrka mxiet b’hazen jew b’mod mhux ragonevoli fil-konfront taghha u ghaldaqstant tahti lejha ghad-danni mgarrba mill-istess kumpannija attrici minhabba l-ghamil amministrattiv impunjat; (e) tillikwida jekk jehtieg bil-hidma ta’ periti mqabbdin mill-Qorti, id-danni mgarrbin minnha minhabba l-imgieba ta’ l-Awtorità imharrka; u (f) tikkundanna lill-Awtorità mharrka thallsha d-danni hekk likwidati, u dan taht kull prrovediment jew dikjarazzjoni ohra li l-Qorti jkun jidhrilha mehtiega u f’waqtha.*

Bis-sentenza pronuncjata fid-29 ta’ Settembru 2011, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili laqghet l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba tas-socjetà Garden of Eden Garage Limited u dana *inter alia* in bazi ghas-segwenti konsiderazzjoni dwar l-applikazzjoni ta’ l-Avviz Legali 149 ta’ l-2009 ghat-talba ta’ l-imsemmija socjetà ghall-hrug ta’ licenzi ghall-garr ta’ passiggeri ghall-*open top buses* minnha akkwistati w importati Malta - il-punt sollevat mill-konjugi Degabriele fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom-: *illi minn kif graw l-affarijiet, minflok ghazlet xi wahda minn dawn it-toroq, TM qaghdet tistenna li l-Gvern ifassal politika gdida ghat-trasport pubbliku billi halliet lil GOE “fil-limbu” u mbaghad, meta hareg l-Avviz Legali bl-imsemmija politika, hareg li l-vetturi li GOE gabet f’Malta ma kienux jinghataw licenza jekk kemm-il darba dwar kull wahda mill-vetturi ma jithallasx id-dritt mitlub fil-ligi taht l-imsemmi Avviz Legali u, f’kull kaz, gew ma jaqblux mal-kriterji l-godda li dahlu fis-sehh bl-imsemmi Avviz Legali. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li meta dahlu fis-sehh l-imsemmija Regolamenti, ma kellhom l-ebda disposizzjoni li tghid li dawn kienu jghoddu minn xi data* ***qabel*** *ma dehru fil-Gazzetta tal-Gvern (jigifieri nhar id-19 ta’ Mejju 2009); izda, ghall-kuntrarju, ghandhom klawsola li tghid li, dwar Parti III*

*(Permessi tax-Xufier), dawk id-disposizzjonijiet kellhom jidhlu fis-sehh sitt xhur* ***wara*** *l-pubblikazzjoni msemmija.*

Id-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza pronuncjata fit-28 ta' Gunju 2012, fejn fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-Avviz Legali 149 ta' l-2009 da parte ta' l-Awtorità intimata ghat-talba tas-socjetà Garden of Eden Garage Limited osservat li: *il-Qorti tinnota illi l-ewwel TM ghazlet li ma tipprocessax l-applikazzjonijiet ta' GOE peress li skont hi kien hemm id-direttiva Ministerjali biex ikun hemm sospensjoni fl-ipprocessar ta' l-istess aplikazzjonijiet, u issa diversi xhur wara qeghdha tghid li xorta wahda ma tistax tipprocessahom ghaliex il-vetturi ma humiex konformi mal-Avviz Legali li prezentement jirregola s-settur ta' l-open deck buses. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa agir skorrett u sleali fil-konfront tac-cittadin. F'dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza* ***Nazzareno Fenech v. Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku*** *fejn il-Qorti ddecdiet illi applikazzjoni kellha tigi kkunsidrata abbazi tal-ligi vigenti fiz-zmien meta saret u mhux trattata abbazi ta' ligijiet posterjuri jew policies inezistenti. Dwar il-fatt li skont TM, l-ewwel Qorti tat iktar minn dak mitlub fir-rikors guramentat, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni maghmula minn GOE fir-risposta taghha ghall-appell odjern. Fiz-zmien il saret il-kawza, il-ligi vigenti kienet l-istess wahda li TM ghamlet referenza ghaliha fl-ittra mibghutha minnha lil GOE u wkoll l-ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta b'decizjoni tieghu f'April 2009 kien indika lil TM liema kellha tkun il-ligi li kellha tapplika ghat-talba ta' GOE u cioè Avviz Legali 476/2004.*

Ghalkemm fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom ir-Rikorrenti konjugi Degabriele jikkontendu li l-osservazzjonijiet maghmula mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili u mill-Qorti ta' l-Appell fl-imsemmija sentenzi jimpingu fuq il-validità tad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront taghhom, it-Tribunal huwa prekluz milli jinoltra ruhu ulterjorment f'din il-kwistjoni ghaliex ghad illi l-imsmemmija sentenzi ingabu a konjizzjoni tat-Tribunal mir-Rikorrenti, l-**uniku** aggravju fuq liema l-istess Rikorrenti jibbazaw l-appell taghhom mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata tas-7 ta' Dicembru 2009 hu dak marbut ma' l-esenzjoni introdotta bl-Avviz Legali 319 ta' l-2009 li skonthom

tapplika ghall-*open top buses* minnhom akkwistati w importati Malta, u ghalhekk din hija l-unika kwistjoni li tista' tigi trattata mit-Tribunal.
It-Tribunal ghalhekk issa ser jghaddi biex jittratta l-meritu proprio ta' l-appell in ezami.
Kif gia iktar 'l fuq osservat ir-Rikorrenti konjugi Degabriele jikkontendu li d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata tas-7 ta' Dicembru 2009 ghandha tigi mhassra, revokata u kkancellata ghaliex *jidher car li l-Awtorità hija jew inkonsapevoli jew injorat ghal kollox l-avviz li deher fil-gazzetti fejn importaturi tal-vetturi bil-mutur tat-tip M2 u M3 li ddahhlu Malta jew gew ordnati biex jingiebu Malta qabel id-19 ta' Mejju 2009 gew infurmati li jistghu jigu ezentati mid-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2009 dwar is-Servizzi tat-Trasport ta' Passiggieri, purche li jaghtu l-informazzjoni rikjesta bil-miktub entro terminu previst fl-istess avviz. Illi l-esponenti li mportaw il-vetturi in kwistjoni qabel id-19 ta' Mejju 2009 aderixxew ruhom kompletament ma' dan l-avviz. Illi ghalhekk huwa inspjegabbli kif l-esponenti b'mod partikolari, nonostante dak li jippredisponi dan l-avviz, ma gewx ezenti mir-regolamenti in kwistjoni, kif gew ezentati vetturi ta' importaturi ohra.*

L-avviz li hareg fil-gazzetti u li ghalih jirreferu r-Rikorrenti fir-Rikors ta' l-Appell taghhom huwa dak esebit bhala Dok. “ADT1” (versjoni bl-Ingliz) u Dok. “ADT2” (versjoni bil-Malti) a fol. 20 u 21 tal-process. Dan l-avviz jidher li hareg f'diversi gazzetti lokali fit-12 ta' Novembru 2009 u dak li deher bil-lingwa Ingliza jipprovdi li *in line with the provisions of Legal Notice 319 of 2009 Clause 11 paragraph c (i), the Malta Transport Authority wishes to notify all motor vehicle importers that M2 & M3 vehicles for the carriage of passengers having a seating capacity of more than 9 seats, which were imported into Malta, or ordered for importation into Malta, prior to the 19th May 2009 may be exempted from the provision of Regulation 18(1)(b) of the Passenger Transport Services Regulations 2009* [hawnhekk l-avviz bil-Malti jipprovdi *jistghu jigu ezentati mid-disposizzjoni tar-regolament (1)(b) tar-Regolamenti tal-2009 dwar is-Servizzi tat-Trasport ta' Passiggieri*]. *1) Motor vehicle importers having such*

*vehicles must provide the ADT with a full list of vehicles and this should include the make, model, chassis number, date of order or date of arrival. A list of these vehicles must be submitted to the Licensing and Testing Directorate by not later than the 15th November 2009 by e-mail on info@maltatransport.com 2) Such vehicles have to be registered and licensed to be used on the road with the Licensing and Testing Directorate by not later than 15th November 2010. 3) These vehicles must also comply with the Euro 4 emission level standard or equivalent.*

Ir-Rikorrenti konjugi Degabriele jikkontendu li ladarba l-*open top buses* meritu tal-kontestazzjoni gew minnhom akkwistati w importati f'Malta qabel id-19 ta' Mejju 2009 – kif jirrizulta mid-dokumenti a fol. 46, 48 u 49 tal-process – u huma aderew mal-kondizzjonijiet l-ohra elenkati f'dak l-avviz – kif jirrizulta mill-ittra indirizzata lic-Chairman ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta datata 12 ta' Novembru 2009, a fol. 73 u 74 tal-process – il-vetturi taghhom jikkwalifikaw ghall-esenzjoni imhabbra mill-Awtorità u ghalhekk l-istess Awtorità intimata ma setghatx tirrifjuta li tirregistra l-vetturi taghhom u tillicenzjhom ghall-garr ta' passiggieri.
L-Awtorità intimata da parte taghha tikkontendi li l-avviz in kwistjoni ma japplikax ghar-Rikorrenti u l-*open top buses* taghhom ma jikkwalifikawx ghall-esenzjoni mhabbra u dana billi: (i) *l-avviz ma tax dritt ta' ezenzjoni mid-disposizzjonijiet* ***kollha*** *tar-Regolament kif qed jallegaw l-appellanti. Kuntrarjament ghal dak li jghidu l-appellanti, l-ezenzjoni li tohrog mir-regolament 11(c)(i) ta' l-A.L. 319 hija limitata ghad-disposizzjonijiet tar-regolament 28(1)(b) u 28(1)(c) tar-Regolamenti. Dawn iz-zewg regolamenti kienu jipprovdu li sabiex vettura tigi licenzjata ghall-garr tal-passiggieri kellha tkun konformi: (a) mad-Direttiva 2007/46/KE; (b) mar-rekwiziti tar-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni tat-Tip KE ta' Vetturi bil-Mutur u l-Karrelli Taghhom (L.N. 427.23). Sabiex jigu ezentati ai termini ta' l-Avviz, l-importaturi tal-karozzi kellhom jinnottifikaw l-Awtorità b'lista shiha ta' dawn il-vetturi u jaghtu certu informazzjoni sal-15 ta' Novembru 2009*[7]*;* (ii) *ir-regolament*

[7] Para. 6 tar-Risposta ta' l-Awtorità intimata.

*11(c)(i) ta' l-Avviz Legali 319 (l-Artikolu 28(1) tar-Regolamenti) jittratta biss vetturi godda u mhux vetturi second hand. Dan ghaliex r-Regolamenti, kuntrarjament ghall-vetturi godda li gew importati, taghti ezenzjoni awtomatika ghall-vetturi li gew importati second hand ghad-disposizzjonijiet tar-regolament 28(1)(b) u 28(1)(c) minghajr l-obbligu ta' notifikazzjoni lill-Awtorità*[8]*;* u fi kwalunkwe kaz (iii) *l-avviz li gie ppublikat fil-gazzetti kien jistipola li sabiex il-vetturi setghu jibbenefikaw minn din l-ezenzjoni, il-magni taghhom kellhom ikunu tat-tip Euro IV. L-open top buses tal-konjugi Degabriele ma kellhomx din it-tip ta' magna u b'hekk dawk l-avvizi ma kienux japplikaw fir-rigward ta' l-open top buses in kwistjoni. Inoltre jinghad li sabiex jigu ezentati ai termini ta' l-avviz, l-importaturi tal-karozzi kellhom jinnotifikaw l-Awtorità b'lista shiha ta' dawn il-vetturi u jaghtu certu informazzjoni lill-Awtorità sal-15 ta' Novembru 2009. L-Awtorità tirrileva li hi qatt ma rceviet ebda notifika jew korripondenza minghand il-konjugi Degabriele kif kien mitlub fl-avviz li gie ppublikat*[9].

Dak sottomess mill-Awtorità intimata gie kkonfermat minn Vincent Micallef Pulè, Senior Manager ma' l-Awtorità intimata, waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2012[10], fejn però irrileva li l-avviz in kwistjoni kien fih zball, liema zball ma giex korrett mill-Awtorità, fis-sens illi erronejament gie indikat regolament iehor flok ir-Regolament 28(1)(b): *irrid nippreciza li dan l-avviz fih zball, ghaliex hemm referenza ghal regolament 18 1B, dan fil-fatt kellu jkun ir-regolament 28 1B. Fuq domanda tat-Tribunal nghid li wara li ndunajna b'dan l-izball però ma kienx inhareg avviz iehor bl-informazzjoni korretta.*

Bl-avviz in kwistjoni l-Awtorità intimata riedet tgharraf lill-pubbliku in generali bl-esenzjoni introdotta bir-Regolament 11(i)(c) ta' l-Avviz Legali 319 ta' l-2009, liema esenzjoni, kif jirrizulta mill-imsemmi Avviz Legali, kienet effettivament tirreferi ghal xi disposizzjonijiet tar-Regolament 28(1) tar-Regolamenti ta' l-2009 dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri, li jittratta dwar l-ispecifikazzjonijiet ta' vetturi ghall-garr ta' passiggieri. Ladarba dan l-avviz kien jirreferi ghal esenzjoni rizultanti mill-Ligi stess, it-Tribunal hu tal-

[8] Para. 7 tar-Risposta ta' l-Awtorità intimata.
[9] Para. 8 tar-Risposta ta' l-Awtorità intimata.
[10] Fol. 116 sa' 118 tal-process.

fehma li ghall-fini li jigi determinat ghal liema vetturi kienet tapplika dik l-esenzjoni u dwar liema disposizzjonijiet tar-Regolament in kwistjoni kienet tirreferi necessarjament trid issir referenza ghall-Avviz Legali 149 ta' l-2009 u l-Avviz Legali 319 ta' l-2009.

Ir-Regolament 28 tar-Regolamenti ta’ l-2009 dwar is-Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri kif introdott bl-Avviz Legali 149 ta’ l-2009 kien jipprovdi *inter alia* li: *(1) l-ebda licenza tal-vettura ghall-garr tal-passiggieri ma tista’ tinhareg fir-rigward ta’ vettura bil-mutur sakemm: (a) ma tkunx registrata u licenzjata skond ir-Regolamenti tal-Vetturi bil-Mutur (Registrazzjoni u Licenzjar); (b) ma tikkonformax mad-Direttiva 97/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Lulju 1997 marbuta mal-pizijiet u d-dimensjonijiet ta’ certi kategorija ta’ vetturi bil-mutur u t-trailers taghhom li temenda d-Direttiva 70/156/KEE u d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta’ Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-ligijiet ta’ l-Istati Membri marbuta ma’ l-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi bil-mutur u trailers taghhom kif emendati minn zmien ghal zmien; (c) ma tikkonformax mar-rekwiziti rilevanti tar-Regolamenti ta’ l-2002 tal-Vetturi bil-Mutur (Tip ta’ Approvazzjoni KE) (A.L. 95 ta’ l-2002); (d) ma tissodisfax l-ispecifikazzjonijiet u r-rekwiziti kollha tal-kostruzzjoni stipulati fir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Pizijiet, Dimensjonijiet u Taghmir); (e) ma tkunx vettura ghall-garr tal-passiggieri li ssuq fuq il-lemin bil-bibien tal-passiggieri fuq in-naha tax-xellug; (f) ma jkollhiex sistema ta’ arja kondizzjonata li tahdem sew; (g) il-kulur tal-bodywork estern ma jkunx identiku jew simili ghall-kulur moghti mill-Awtorità lill-motor route buses*. *(2) Vettura ghall-garr tal-passiggieri li mhix gdida tista’ biss tinhargilha licenza tal-vettura ghall-garr tal-passiggieri jekk: (a) tikkonferma mas-subregolament (1) ta’ dan ir-regolament minbarra l-paragrafu (b) u (c) tieghu; (b) tkun giet manifatturata mhux aktar minn hames snin qabel id-data ta’ l-ewwel applikazzjoni ghal-licenza ta’ vettura ghall-garr tal-passiggieri f’Malta; (c) hi digà registrata biex tintuza fit-triq b’kiri jew kumpens f’kull Stat Membru ta’ l-Unjoni Ewropea u nhargilha certifikat li hi inizjalment tajba mill-awtorità kompetenti ta’ l-imsemmi Stat Membru, u barra minn hekk ma saritilha l-ebda modifika mindu nhareg l-istess certifikat; (d) ghaddiet mit-*

*Test li Jiccertifika li l-Vetturi Huma Tajba ghat-Triq, fit-tliet xhur ta' qabel, skond ir-Regolamenti ta' l-1998 dwar Testijiet li Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq (A.L. 126 a' l-1998). Izda l-ebda van tail-lift ma tista' tinhariglu licenza ghall-garr ta' passiggieri skond dawn ir-regolamenti sakemm ma' tkunx vettura gdida bil-mutur.*

Ir-Regolament 29 ta' l-istess Regolamenti, li jittratta dwar *buses mikxufa,* kif introdott bl-Avviz Legali 149 ta' l-2009 kien jipprovdi li *vettura ghall-garr tal-passiggieri li hi bus mikxufa tista' biss tinhargilha licenza ta' vettura ghall-garr ta' passiggeri jekk: (a) Tikkonforma mar-rekwiziti tar-regolament 28 ta' dawn ir-regolamenti b'eccezzjoni ghall-paragrafu (f) tas-subregolament (1) tar-regolament 28; (b) Ghandha bizzejjed avvizi ghall-attenzjoni miktuba b'talanqas l-Ingliz, il-Malti, il-Germaniz, l-Ispanjol, it-Taljan u l-Franciz, rigward l-ilbies obbligatorju tac-cintorini tas-sigurtà u c-cintorini madwar iz-zaqq u l-projbizzjoni ta' passiggieri bilwieqfa meta il-bus mikxufa tkun qed tahdem, specjalment fis-sular ta' fuq, f'post li jidher sew mill-passiggieri; (c) Ghandha protezzjoni fuq quddiem jew ilqugh mir-rih li jaghti protezzjoni lill-passiggieri ta' quddiem, u li mhumiex gholja inqas minn 125cm fis-sular il-miftuh; (d) Ghandha protezzjoni laterali ghall-passiggieri ta' mhux inqas minn 100cm gholja fis-sular miftuh; (e) Fil-kaz ta' buses b'zewg sulari, ghandhom CCTV jew sistema ta' mirja li x-xufier jista' juza biex jara s-sular ta' fuq; (f) Fil-kaz ta' buses b'zewg sulari, ghandhom sistema ta' twissija li tinstema' bil-ghan li tigi komunikata informazzjoni lill-persuni fis-sular ta' fuq; (g) Is-sedili kollha huma mghammra b'cintorini tas-sigurtà bi tliet ponot b'reel ta' l-inertia jew cintorini li jintlibsu madwar iz-zaqq li jingibdu lura; (h) Ghandha tabella mwahhla fid-dahla n-naha tax-xufier li tindika l-kapacità massima ta' passiggieri bilqieghda f'kull sular.*

Bl-Avviz Legali 319 ta' l-2009 gew introdotti xi emendi ghar-Regolamenti ta' l-2009 dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri kif fis-sehh bl-Avviz Legali 149 ta' l-2009, u b'referenza partikolari ghar-Regolament 28 l-emendi li gew introdotti (bir-Regolament 11 ta' l-Avviz Legali 319 ta' l-2009) kienu fir-rigward **tas-subparagrafu (1)** tar-Regolament li in segwitu ghal tali emendi gie jaqra: *(1) l-*

*ebda licenza tal-vettura ghall-garr tal-passiggieri ma tista' tinhareg fir-rigward ta' vettura bil-mutur sakemm: (a) ma tkunx registrata u licenzjata skond ir-Regolamenti tal-Vetturi bil-Mutur (Registrazzjoni u Licenzjar); (b)* ***tkun konformi mad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabilixxi regoli ghall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet taghhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet teknici separati mahsuba ghal dawk il-vetturi****; (c)* ***tkun konformi mar-rekwiziti rilevanti tar-Regolamenti dwar Approvazzjoni tat-Tip KE ta' Vetturi bil-Mutur u l-Karrelli Taghhom****; (d) ma tissodisfax l-ispecifikazzjonijiet u r-rekwiziti kollha tal-kostruzzjoni stipulati fir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Pizijiet, Dimensjonijiet u Taghmir); (e) ma tkunx vettura ghall-garr tal-passiggieri li ssuq fuq il-lemin bil-bibien tal-passiggieri fuq in-naha tax-xellug; (f) ma jkollhiex sistema ta' arja kondizzjonata li tahdem sew; (g) il-kulur tal-bodywork estern ma jkunx identikui jew simili ghall-kulur moghti mill-Awtorità lill-motor route buses*. ***Izda l-paragrafi b) u c) ta' dan is-subregolament ma japplikawx ghal dawk il-vetturi ghall-garr ta' passiggieri: (i) li gew importati f'Malta jew ordnati ghall-importazzjoni f'Malta qabel id-19 ta' Mejju 2009, u (ii) li jigu registrati ghall-uzu fit-triq f'Malta qabel il-15 ta' Novembru 2010, kemm-il darba biss jekk l-Awtorità tigi avzata dwar l-importazzjoni ta' dawk il-vetturi ghall-garr ta' passiggieri f'Malta sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru 2009 u tinbaghat prova ta' konformità mal-paragrafu (i) hawn qabel lill-Awtorità flimkien ma' l-avviz imsemmi.***

Minn ezami ta' l-Avviz Legali 319 ta' l-2009 jirrizulta b'mod car li r-Regolament 28(2), li jittratta dwar l-ispecifikazzjonijiet ghal vetturi ghall-garr ta' passiggieri mhux godda, u r-Regolament 29, li jittratta dwar buses *mikxufa* ghall-garr ta' passiggieri, tar-Regolamenti ta' l-2009 dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri kif introdotti bl-Avviz Legali 149 ta' l-2009 ma gewx emendati.

Mill-atti processwali u senjatament mid-dokumenti esebiti mir-Rikorrenti relattivi ghall-*open top buses* minnhom

akkwistati w importati f'Malta[11] jirrizulta li l-istess vetturi huma *second hand*. Dan il-fatt gie kkonfermat mill-istess Rikorrent Martin Degabriele in kontro-ezami waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2011[12] fejn qal: *nikkonferma li l-vetturi kont gibthom mill-Ingilterra u kienu second hand.* Applikat dan il-fatt ma' dak appena osservat dwar ir-Regolamenti 28 u 29 tar-Regolamenti ta' l-2009 dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri introdotti bl-Avviz Legali 149 ta' l-2009 u l-emendi ghar-Regolament 28(1) introdotti u konsegwenti esenzjoni minn certa disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Regolament 28(1) koncessa bl-Avviz Legali 319 ta' l-2009, tirrizulta konfermata s-sottomissjoni ta' l-Awtorità intimata li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti konjugi Degabriele l-imsemmija esenzjoni ma tapplikax ghalihom jew ahjar ghall-*open top buses* minnhom akkwistati w importati f'Malta ghall-uzu ghall-garr ta' passiggieri.

B'hekk anke jekk ir-Rikorrenti aderew mal-kondizzjonijiet stipulati fil-*proviso* tar-Regolament 28(1) introdott bl-Avviz Legali 319 ta' l-2009, ossia *inter alia* li pprovdew l-Awtorità b'lista shiha tal-vetturi taghhom, liema lista tinkludi l-ghamla, il-mudell, in-numru tac-*chassis*, id-data ta' meta l-vetturi gew ordnati u d-data tal-wasla f'Malta, sal-15 ta' Novembru 2009, kif huma jikkontendu li ghamlu bl-ittra tat-12 ta' Novembru 2009 indirizzata lic-Chairman ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, jibqa' l-fatt li huma qatt ma setghu jibbenefikaw mill-esezjoni introdotta bl-Avviz Legali 319 ta' l-2009.

Ghaldaqstant, l-appell tar-Rikorrenti konjugi Degabriele mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata tas-7 ta' Dicembru 2009 in kwantu bbazat fuq l-aggravju li huma inspjegabilment ma gewx ezentati mid-disposizzjonijiet tar-Regolament 28 tar-Regolamenti ta' l-2009 dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri skond l-esenzjoni introdotta bl-Avviz Legali 319 ta' l-2009, ma jistax jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal filwaqt li jordna li l-kliem "L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta" fl-okkju tal-kawza u kull fejn jidhru fl-atti processwali jigu ikkancellati u sostitwiti bil-kliem "L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta",

[11] Fol. 32 sa' 49 u 57 sa' 71 tal-process.
[12] Fol. 82 u 83 tal-process.

jichad l-appell tar-Rikorrenti Degabriele mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata tas-7 ta' Dicembru 2009, kif minnhom impostat.
L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrenti konjugi Degabriele.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------